31989R0451

L 52/7 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.2.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 451/89 ta' l-20 ta' Frar 1989 rigward il-proċedura li għandha tiġi applikata għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw minn diversi pajjiżi terzi tal-Mediterran.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-protokolli addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea fuq naħa minnhom u l-Alġerija, Ċipru, l-Israel, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Lebanon, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tunisija, it-Turkija u l-Jugoslavia fuq in-naħa l-oħra ġew mitmuma.

Billi rigward ċerti prodotti agrikoli effetwati mill-imsemmi Ftehim li joriġinaw f'dawk il-pajjiżi, dawk il-protokolli jipprovdu għal tnaqqis progressiv ta' ċerti dazji li jiġu applikati fuq dawk il-prodotti; billi xi wħud minn dawk il-prodotti huma suġġetti għall-kwantitajiet referenzjali;

Billi, skond il-kondizzjonijiet tal-protokolli msemmija, teżisti l-possibbiltà li ssir modifika fl-istatus ta' dawk il-prodotti fil-każ ta' diffikultajiet fis-suq Komunitarju jew fejn il-kwalitajiet referenzjali jkunu nqabżu;

Billi għandhom jiġu stabbiliti proċeduri għall-modifika ta' l-istatus ta' dawn il-prodotti biex dawn isiru suġġetti għall-kwantitajiet referenzjali fil-każ ta' diffikultajiet bħal dawn jew għal kwoti tat-tariffa meta l-kwantitajiet referenzjali jkunu nqabżu; billi dawk il-proċeduri għandhom jgħaddu mill-Kumitat tal-ġestjoni relevanti għall-prodotti konċernati;

Billi din il-modifika fl-istatus għandha tkun ibbażata fuq analiżi annwali tat-tendenzi kummerċjali skond il-prodott u skond il-pajjiż: billi l-għan ta' dak l-analiżi huwa li jseġwi l-iżvilupp fil-kummerċ, li jevita d-diżgwid fis-swieq u li jagħmel aċċertazzjoni safejn intlaħaq l-għan li jiġu ppreservati t-tendenzi tradizzjonali tal-kummerċ mal-pajjiżi konċernati.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Wara t-tmiem ta' kull sena kummerċjali, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi analiżi, skond il-prodott u skond il-pajjiż, tat-tendenzi kummerċjali tal-prodotti msemmija fl-Annessi I u II li joriġinaw mill-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, l-Israel, il-Ġordan, il-Lebanon, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tunisija, it-Turkija u l-Yuġoslavja, biex jiġi evitat id-disgwid fis-suq.

Artikolu 2

1. Jekk meta titqies l-analiżi msemmija fl-Artikolu I, il-Kumissjoni tistabbilixxi li l-volum ta'l-importazzjoni ta' prodott imsemmi fl-Anness I li jkun joriġina mill-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, l-Israel, il-Ġordan, il-Lebanon, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tunisija, it-Turkija jew il-Jugoslavja ikun qiegħed jiżdied b'tali mod li dik l-importazzjoni tkun qiegħda thedded li sa tikkawża diffikultajiet fis-suq Komunitarju, din għandha timplimenta l-proċedura provduta jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 166/89 [2], jew, skond kif kif ikun il-każ, fl-Artikoli li jikkorrispondu mar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli jew, għall prodotti li għalihom ir-regoli Komunitarji jkunu għadhom ma waqqfux Kumitat Maniġerjali, il-proċedura provduta fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 [3], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2238/88 [4], bil-għan li tiġi stabbilita kwantità referenzjali għall-prodott u għall-oriġni konċernata. Jekk, matul sentejn konsekuttivi, il-kwantità referenzali ma tintlaħaqx, din għandha tieqaf milli jkollha effett.

2. Għat-tħejjija ta'l-analiżi msemmija fil-paragrafu 1, il-prodotti konċernati għandhom ikunu kontrollati skond is-sistema statisitika provduta mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [5], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 20/89 [6].

3. L-Artikolu 3 għandu japplika għall-prodotti li għalihom il-Kummissjoni tkun stabbiliet kwantità referenzjali skond il-paragrafu 1.

Artikolu 3

1. Fejn kwantità referenzjali stabbilita taħt l-Artikolu 2 jew rigward prodott minn dawk elenkati fl-Anness II jkun oriġina f'pajjiż imsemmi f'dak l-Anness tkun inqabżet, u fid-dawl ta'l-analiżi msemmi fl-Artikolu I, il-Kummisjoni għandha timplimenta l-proċedura provduta jew fl-Artikolu 26 tar-Regolament KEE Nru 27272/75 inkella, skond kif ikun il-każ, fl-artikoli li jikkorrispondu ma' regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, inkella, għall-prodotti li għalihom il-Komunità tkun għadha ma waqqfitx Kumitat Maniġerjali, il-proċedura provduta fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, biex tpoġġi l-prodott ikkonċernat suġġett għall-kwota tat-tariffa Komunitarja ugwali għall-kwantità referenzali.

---

(1) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, pġ. 1.
(2) ĠU L 20, ta' l-1.2.1989, pġ. 16.
(3) ĠU L 118, ta' l-20. 12. 1992, pġ. 5.
(4) ĠU L 198, ta' l-1.7.1988, pġ. 5.
(5) ĠU L 256, ta' l-1. 7. 1989, pġ. 5.
(6) ĠU L 4, ta' l-1.6.1989, pġ. 19.

L-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 27272/75.

2. Għat-tħejjija ta' l-analiżi msemmija fl-Artikolu I, il-prodotti konċernati għandhom ikunu suġġetti għall-proċedura ta' sorveljanza stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 452/89 [1].

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jgħodd mill-1 Jannar 1989.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-22 ta' Lulju 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

F. FERNANDEZ ORDOÑEZ

---

[1] Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS I

Prodotti Agrikoli li jinkludu protokolli addizzjonali miġjuba mal-pajjiżi mediterranji u suġġett għall-proċedura ta' moniturağğ statistiku

Kodici NM	Deskrizzjoni (1)
0101 19 10	żwiemel għall-qtil
0101 19 90	żwiemel oħra mhux għall-qtil
0102 90 31	ċanga tarija
ex 0102 90 35	
ex 0102 90 37	
ex 0201 10 90	
ex 0201 20 11	
ex 0201 20 19	
ex 0201 20 39	
ex 0201 20 51	
ex 0201 20 59	
0205 00 00	Laħam taż-żwiemel, ħmir, bagħal u *hinnies*
0306 13 10	Gambli u gambli, friski u ffriżati
0306 13 30	
0306 13 90	
0306 21 10	
0306 23 31	
0406 90 29	ġobon Kashkaval
0601 10	Fjuri, inattiv
0602	Pjanti oħra ħajjin
ex 0602 40	Ward, jeskludi dawk maqtugħa
0603	Fjuri maqtugħa
ex 0604 10 90	ħażiż u likena
0604 91 10	- oħrajn
0604 91 90	- - Frisk
	Patata, ġdida, mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Mejju
ex 0701 90 51	- mill l-1 ta' Jannar sal 31 ta' Marzu
	Tadam, frisk, mill-1 ta' Novembru sa' l-14 ta' Mejju
ex 0702 00 10	- mill 15 ta' Novembru sat-30 ta' April
	Basal frisk
ex 0703 10 11	- Żerriegħa
	Mill-1 sal 31 ta' Lulju
ex 0703 10 19	- oħrajn
	- - mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju
	- - mill-1 sal-31 ta' Lulju
	Tewm frisk
ex 0703 20 00	- mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Mejju
ex 0704 90 90	Kaboċċa ċiniża
	Karrotti
ex 0706 10 00	- mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu
	Pizelli, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju
ex 0708 10 10	- mill 1 ta' Ottubru sat-30 ta' April
	Fażola, mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta'Ġunju
ex 0708 20 10	- mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April
	Qaqoċċ globali
ex 0709 10 00	- mill-1 ta' Ottubru sal 31 ta' Dicembru
	asparagu
ex 0709 20 00	- mill-1 ta' Novembru sa' l-aħħar ta' Frar
	Brinġiela
ex 0709 30 00	- mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' April
	Faqqiegħ, frisk
ex 0709 51 30	- chanterelle
ex 0709 51 50	- faqqiegħ flap
ex 0709 51 90	- oħra

(1) Minghajr preġudizzju għal-liġijiet ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni hija pprovduta għall-għajnuna għar-referenza biss, l-arranġamenti preferenzjali diġà ddeterminati, fl-iskema ta'dan l-Anness, bl-għan tal-kodiċi tan-nomenklatura kkombinati.

Kodici NM	Deskrizzjoni (1)
0709 60 10	Bżar ħelu
	Paprika (friska)
ex 0709 60 99	- mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju
	Zukkini
ex 0709 90 70	- mill-1 ta' Diċembru sal-15 ta' Marzu
	Okra (gumbo)
ex 0709 90 90	- mill-15 ta' Frar sal-5 ta' Ġunju
0710 21 00	Piżelli ffriżati
0711 20 10	żebbuġ, għall użu minbarra għall-produzzjoni ta' żejt
0711 30 00	kappar
0711 90 10	Frott tal-genus Capsicum jew tal-genus pimenta, li jeskludi l-bżar ħelu
ex 0711 90 50	Faqqiegħ, minbarra dak ikkultivat
0712 20 00	Basal, niexef
ex 0712 90 90	Tewm, niexef
ex 0712 30 00	Faqqiegħ, minbarra dak ikkultivat, niexef
ex 0712 90 90	Bżar, niexef
0713 10 19	Piżelli niexfa għaż-żara
0713 10 90	ħaxix tal-legumi niexef minbarra għaż-żara
0713 20 90	
0713 31 90	
0713 32 90	
0713 33 90	
0713 39 90	
0713 40 90	
0713 50 90	
0713 90 90	
0713 32	Fażola niexfa, minbarra għaż-żara
0713 32 90	
0713 33	
0713 33 90	
0713 39	
0713 39 90	
0713 50 10	Fażola ħadra, u fażola taż-żwiemel għaż-żara
0802 31 00	Lewż ieħor
0802 32 00	ġewż
0804 10 00	Tamal, frisk jew niexef
ex 0804 10 00	Tamal, niexef
0804 40	avokado
0804 50 00	Mango,mangosteen u guavas
0805 10 11 –	Larinġ frisk
0805 10 49	
ex 0805 20 10	Mandolin frisk
ex 0805 20 30	
ex 0805 20 50	
ex 0805 20 70	
ex 0805 20 90	
ex 0805 30 10	Lumi frisk
ex 0805 30 90	Lumi u limettos
0805 40 00	grapefruit
ex 0805 90 00	kumquats
	Għeneb tal-mejda, frisk
ex 0806 10 15	- mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April
	Dulliegħ
ex 0807 10 10	- mill 1ta' April sal-15 ta' Ġunju
	Bettieħ
ex 0807 10 90	- mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju

(1) Minħajr preġudizzju għal-liġijiet ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura maħquda, id-deskrizzjoni hija pprovduta għall-għajnuna għar-referenza biss, l-arranġamenti preferenzjali diġà ddeterminati, fl-iskema ta'dan l-Anness, bl-għan tal-kodiċi tan-nomenklatura kkombinati.

Kodici NM	Deskrizzjoni (1)
	Frawli mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' April
ex 0810 10 90	- mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu
	ċawsla, friska
ex 0810 20 10	- mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Ġunju
	Tut, mulberries, loganberries, friski
ex 0810 20 90	- mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Ġunju
ex 0810 90 90	Passion fruit
	pomengranates
ex 0810 90 90	- mill-15 ta' Awwissu sal-15 ta' Novembru
	Persimmons (kaki)
ex 0810 90 90	- mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Lulju
ex 0811 90 90	Segmenti tal-grapefruit, iffriżat
ex 0811 90 90	Tamal, iffrizat
ex 0812 90 20	Larinġ, mgħaffeġ b'mod fin
ex 0812 90 90	Frott tal-lumi, mgħaffeġ b'mod fin
ex 0813 10 00	Berquq, niexef
ex 0813 40 90	ċirasa morello, niexef
0904	Bżar tal-ġeneru piper
	Frott tal-genus Capsicum jiew tal-genus Pimenta
0904 20 31	Frott tal-genus Capsicum jew tal-genus Pimenta, la mgħaffeġ u lanqas mgħaġun, oħrajn
0904 20 35	
0904 20 39	
0904 12 00	Bżar tal-ġeneru Piper, mgħaffeġ jew magħġun; frott tal-ġeneru Capsicum jew tal-ġeneru Pimenta, mgħaffeġ jew magħġun
0904 20 90	
0909	żerriegħa tal-ħlewwa, badian, bużbież, coriander, cumin, canaway u juniper,
0910 20 10	thyme, bay leaves, zagħfran
0910 20 90	
0910 40 11	
0910 40 13	
0910 40 19	
0910 40 90	
1209 91 10	żerriegħa, spores u frott, ta' tip tajjeb għaż-żara
1209 91 90	- oħrajn
1209 99 99	
1211 10 00	Pjanti aromatiċi
1211 90 50	
1211 90 90	
1211 10 00	Għeruq tal-likwirizzja
1212 10 10	Għeruq taċ-ċikwejra, fazola grad, żerriegħa tal-frott u għadam tal-frott
1212 10 91	
1212 10 99	
1212 20 00	
1212 30 00	
1212 99 90	
ex 1302 20	Sustanzi pektiċi, pektarin
1604 14 10	Tunas u skipjack
ex 1604 20 70	
ex 1902 20 10	
2001 90 20	Frott tal-ġeneru Capsicum, barra min bżar ħelu u pimentos, preparat u ppreservat fil-ħall
ex 2001 20 00	- basal perla fil-ħall
ex 2001 90 90	- Okra fil-ħall
ex 2002 10 00	Tadam imqaxxar
2003 10 10	Faqqiegħ ikkultivat jew mhux, ippreparat u ppriservat minbarra l-ħall
2003 10 90	
2003 20 00	Faqqiegħ li jittiekel

(1) Minghajr preġudizzju għal-liġijiet ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni hija pprovduta għall-għajnuna għar-referenza biss, l-arranġamenti preferenzjali diġà ddeterminati, fl-iskema ta'dan l-Anness, bl-għan tal-kodiċi tan-nomenklatura kkombinati.

Kodici NM	Deskrizzjoni (1)
2004 90 50	Piżelli u fażola
2005 40 00	
2005 51 00	
2004 90 99	asparagi
2005 60 90	
2004 90 99	Karrotti u tahlit
2005 90 90	- oħra
ex 2004 90 99	Ajvar
2005 90 10	Frott tal-ġeneru Capsicum barra min bżar ħelu
	ħaxix ieħor ippreparat u ppreżervat barra fil-ħall jew aċtu aċiduż, barra fit-taħlit
ex 2004 90 99	- ċereali
	- Brassicas (barra l-kabocci)
ex 2005 90 90	- Okra (gumbo)
2007 10 90	- puree' tal-qastan u pejst, oħra
2007 91 90	- ġamm tal-frott ġej mil-lumi u marmellata, oħrajn
2007 99 90	- oħrajn mhux speċifikati
2008 11 91	Lewż inkaljat, f'pakketti immedjati ta' kontenut li ma jeċċedix 1kg
2008 30 51	Segmenti tal-grapefruit
2008 30 71	
2008 30 91	
2008 30 99	
ex 2008 30 55	Mandolin, satsuma, magħġuna b'mod fin
ex 2008 30 75	
ex 2008 30 59	Grapefruit; larinġ u lumi magħġun b'mod fin
ex 2008 30 79	
2008 50 61	Berquqa
2008 50 69	
ex 2008 50 91	Berquq u nofsijiet tal-ħawħ
ex 2008 50 99	Polpa tal-berquq
ex 2008 70 99	
2008 60	ċirasa morello
ex 2008 92 50	Insalata tal-frott
ex 2008 92 71	
ex 2008 92 79	
2009 11 11	Sugu tal-larinġ
2009 11 19	
2009 11 91	
2009 11 99	
2009 19 19	
2009 19 91	
2009 19 99	
2009 20 11	Sugu tal-grapefruit
2009 20 19	
2009 20 91	
2009 20 99	
2009 30 11	Sugu ta' Frott ġej mil-lumi barra mil-larinġ jew sugu tal-grapefruit
2009 30 19	
ex 2009 30 31	Sugu tal-frott ġej mil-lumi li jeskludi s-sugu tal-lumi
ex 2009 30 39	

(1) Minħajr preġudizzju għal-liġijiet ta' interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni hija pprovduta għall-għajnuna għar-referenza biss, l-arranġamenti preferenzjali diġà ddeterminati, fl-iskema ta'dan l-Anness, bl-għan tal-kodiċi tan-nomenklatura kkombinati.

ANNESS II

Prodotti suġġett għall-riferenza tal-kwantitajiet b'żieda mal-protokolli miżjuda li ġiet konkluża bil-pajjiżi terżi tal-Mediterran

Kodiċi NM	Deskrizzjoni (1)	Perjodu ta' żmien	Oriġini	Kwantità (tunnellati)
0701 90 51 ex 0701 90 59	Patata ġdida	1 ta' Jannar – 31 ta' Mejju	Malta	3 000
0701 90 51	Patata ġdida	1 ta' Jannar – 31 ta' Marzu	Tunizija	2 600
0703 20 00	Tewm frisk	2 ta' Jannar – 31 ta' Mejju	Eġittu	1 600
0712 20 00	Basal niexef	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Sirja	700
ex 0712 90 90 ex 0904 20 10	Tewm niexef	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Eġittu	1 000
ex 0707 00 11	ħjar żgħir tax-xitwa	1 ta' Jannar – l-aħħar ta' Frar	Eġittu	100
		1 ta' Jannar – l-aħħar ta' Frar	Ġordan	100
		1 ta' Jannar – l-aħħar ta' Frar	Malta	50
0709 10 00	Qaqoċċ	10 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Eġittu	100
		10 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Cipru	100
0709 30 00	Brunġiel	15 ta' Jannar – 30 ta' April	Izrael	1 200
0709 60 10	Bżar ħelu	1 ta' Jannar –31 ta' Diċembru	Marokk	1 000
0712 20 00	basal	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Sirja	700
0712 90 90	Tewm niexef	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Eġittu	1 000
0713 10 11 0713 10 19	Piżelli għaż-żara	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Marokk	400
0713 10 90 0713 20 90 0713 31 90 0713 32 90 0713 33 90 0713 39 90 0713 40 90 0713 50 90 0713 90 90	Ħaxix tal-legumi niexef	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Lebanu	2 200
0804 40 10 0804 40 90	qaqoċċ	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Izrael	31 000
ex 0806 10 15 0806 10 19	Għeneb tal-mejda frisk	1 ta' Frar – 30 ta' Ġunju	Izrael	1 900
0807 10 90	Bettieħ żgħir tax-xitwa	1 ta' Jannar – 31 ta' Marzu	Eġittu	100
		1 ta' Jannar – 31 ta' Marzu	gordan	100
0810 90 10	Kiwi	1 ta' Jannar – 30 ta' April	Izrael	200
		1 ta' Jannar – 30 ta' April	Marokk	200
		1 ta' Jannar – 30 ta' April	Cipru	200
0812 90 90	Frott ġej mill-lumi	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Izrael	1 100
2001 10 00	Ħjar ippreservat fil-hall	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Yugoslavia	3 000
2004 90 30 2005 30 00	Sauerkraut	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Jugoszlávia	150
2008 30 51 2008 30 71	Grapefruit u segmenti tal-pomelo	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Izrael	13 700
2008 50 61 2008 50 69	berquqa	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Marokk	6 300
ex 2008 30 79	Grapefruit u pomelo Laring u lumi	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Izrael	2 000
ex 2008 30 91 ex 2008 30 91 ex 2008 30 91	Segmenti tal-grapefruit Polpa ta' frott li ġej mill-lumi Frott ġej mill-lumi	1 ta' Jannar – 31 ta' Dicembru	Izrael	2 900

(1) Minghajr preġudizzju għal-liġijiet għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maghquda, id-deskrizzjoni pprovduta għall-facilità tar-referenza biss, l-arranġamenti ta' preferenza huma ddeterminati, fl-iskema ta' l-anness, bil-għan tal-kodiċi tan-nomenklatura maghquda.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni (1)	Perjodu ta' żmien	Oriġini	Kwantità (tunnellati)
2008 50 99 2008 70 99	Nofsijiet tal-berquq u ħawħ	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Marokk	6 300
2009 20 11 2009 20 19 2009 20 99 2009 30 11 2009 30 19	Sugu tal-grapefruit u pomelo	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Izrael	28 700
2009 20 99	Sugu tal-grapefruit u pomelo	1 ta' Jannar – 31 ta' Diċembru	Marokk	800

(1) Minħajr preġudizzju għal-liġijiet għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, id-deskrizzjoni pprovduta għall-facilità tar-referenza biss, l-arranġamenti ta' preferenza huma ddeterminati, fl-iskema ta' l-anness, bil-għan tal-kodiċi tan-nomenklatura magħquda.